

Brussell, 29 ta' Novembru 2021
(OR. en)

14429/21

JEUN 144
EDUC 394
SOC 701
EMPL 526
DIGIT 175
SAN 709
SUSTDEV 171

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 13707/21	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-salvagwardja u l-ħolqien ta' spazji ċiviċi għaż-żgħażaġh li jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni sinifikanti taż-żgħażaġh

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar is-salvagwardja u l-ħolqien ta' spazji ċiviċi għaż-żgħażaġh li jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni sinifikanti taż-żgħażaġh, kif approvati mill-Kunsill (Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Kultura u Sport) fil-laqgħa tiegħu tad-29 u t-30 ta' Novembru 2021.

**Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fi
ħdan il-Kunsill dwar is-salvagwardja u l-ħolqien ta' spazji ċiviċi għaż-żgħażaġh li jiffaċilitaw
il-parteeċipazzjoni sinifikanti taż-żgħażaġh**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA U R-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNJIET TAL-
ISTATI MEMBRI MLAQQGħIN FI ĦDAN IL-KUNSILL

WAQT LI JAGħRFU LI

1. L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha qablu li l-kooperazzjoni fil-livell tal-UE fil-qasam taż-żgħażaġh "jappoġġa l-impenn soċjali u ċiviku u għandha l-għan li tiżgura li ż-żgħażaġh kollha jkollhom ir-riżorsi meħtieġa biex jieħdu sehem fis-soċjetà"¹
2. Iż-żgħażaġh huma wieħed mill-punti b'saħħithom tas-soċjetà tagħna, kif ukoll detenturi tad-drittijiet tal-individwu. Bħala tali, għandhom id-dritt li jipparteċipaw b'mod sinifikanti fl-iżvilupp, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u s-segwitu ta' politiki li jaffettwaw lilhom u lis-soċjetà iġġenerali².
3. "Demokrazija b'saħħitha tiddependi fuq l-involvement taċ-ċittadini u soċjetà ċivili attiva, mhux biss fiż-żmien tal-elezzjoni, iżda l-ħin kollu. Ċittadini żgħażaġh impenjati, infurmati u bis-setgħa u organizzazzjonijiet li jippromwovu l-interessi tagħhom huma l-aħjar garanzija għar-reżiljenza tad-demokraziji tagħna"³, u għall-ġid komuni.

¹ Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar qafas għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażaġh: L-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażaġħ 2019-2027 (2018/C 456/01, 18.12.2018, p. 2).

² Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar qafas għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażaġh: L-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażaġħ 2019-2027 (2018/C 456/01, 18.12.2018, p. 3).

³ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni dwar il-Pjan ta' Azzjoni Ewropew għad-Demokrazija (COM (2020) 790, 3.12.2020, p. 3).

4. L-Unjoni Ewropea hija bbażata fuq valuri bħad-demokrazija, il-pluraliżmu, l-ugwaljanza u l-istat tad-dritt. Ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, il-libertà, in-nondiskriminazzjoni, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, it-tolleranza, u l-protezzjoni tal-minoranzi huma pedamenti inaljenabbli tal-idea Ewropea⁴.
5. "Il-pandemija tal-COVID-19 li għaddejja bħalissa u l-konsegwenzi soċjoekonomiċi tagħha qed ikollhom impatt negattiv dejjem akbar fuq id-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt, inkluż fuq l-ispazju ċiviku"⁵.
6. L-iżvilupp ulterjuri tal-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh fi proċessi demokratiċi skont ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar l-inkoraġġiment tal-parteċipazzjoni politika taż-żgħażaġh fil-ħajja demokratika fl-Ewropa⁶, il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-trawwim tal-kuxjenza demokratika u l-involviment demokratiku fost iż-żgħażaġh fl-Ewropa⁷ u l-Konklużjonijiet dwar it-tisħiħ tal-governanza f'diversi livelli fil-promozzjoni tal-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet⁸ ser jikkontribwixxi għat-tisħiħ ta' spazji ċiviċi għaż-żgħażaġh u l-inkoraġġiment taż-żgħażaġh fi ħdanhom.

⁴ Dan il-paragrafu huwa bbażat fuq l-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

⁵ Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar irkupru wara l-COVID-19 ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem (6324/21, 22.2.2021).

⁶ Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar l-inkoraġġiment tal-parteċipazzjoni politika taż-żgħażaġh fil-ħajja demokratika fl-Ewropa (ĠU C 417, tal-15.12.2015, p.10).

⁷ Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill dwar it-trawwim tal-kuxjenza demokratika u l-involviment demokratiku fost iż-żgħażaġh fl-Ewropa (ĠU C 415 tal-1.12.2020, p.16).

⁸ Konklużjonijiet dwar it-tisħiħ tal-governanza f'diversi livelli fil-promozzjoni tal-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet (8766/21, 17.05.2021).

7. L-ispazji ċiviċi għaż-żgħażaġh huma spazji li jippermettu l-parteċipazzjoni sinifikanti tagħhom fis-soċjetà u huma parti kruċjali minn kwalunkwe soċjetà demokratika⁹. Huma ambjenti politiċi, pubbliċi u soċjali (online u offline) li jissodisfaw sett ta' kundizzjonijiet legali, ta' politika, istituzzjonali u prattiċi li jippermettu liż-żgħażaġh jeżerċitaw il-libertajiet ċiviċi tagħhom f'termini ta' aċċess għall-informazzjoni, jesprimu l-fehmiet tagħhom, u jiffurmaw assoċjazzjonijiet jew organizzazzjonijiet għall-parteċipazzjoni fil-ħajja pubblika, bil-ħsieb li jinfluwenzaw u jsawru s-soċjetajiet.
8. Peress li l-ispazji ċiviċi għaż-żgħażaġh huma dinamiċi u qed jinbidlu b'mod kostanti, l-organizzazzjonijiet demokratiċi u indipendenti kollha attivi fil-qasam taż-żgħażaġh u l-gruppi mhux formali ta' żgħażaġh qed juru li huma atturi ewlenin fil-promozzjoni tal-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh u għaldaqstant għandhom jiġu appoġġati u salvagwardjati.
9. Iż-żgħażaġh jeħtieġu spazji ċiviċi bla ħlas, sikuri, miftuħa, aċċessibbli, inklużivi u rappreżentattivi li jippermettulhom jiffurmaw assoċjazzjonijiet, jinvolvu ruħhom f'oqsma relatati mal-ħtiġijiet u l-interessi tagħhom, irrISPettivament mis-suġġett, biex jesprimu ruħhom dwar kwistjonijiet pubbliċi u jipparteċipaw fit-teħid ta' deċiżjonijiet pubbliċi.
10. L-involviment attiv ta' gruppi differenti ta' żgħażaġh, inkluż żgħażaġh vulnerabbli jew li rari jsemmgħu leħinhom, bħal żgħażaġh migranti, f'firxa ta' spazji ċiviċi, jgħinhom jiżviluppaw il-kompetenzi meħtieġa għall-involviment ċiviku. Fl-istess ħin, jippromwovi l-iżvilupp personali, professjonali u soċjali tagħhom, jikkontribwixxi għall-valuri tal-Unjoni Ewropea¹⁰, il-koeżjoni soċjali, il-kollaborazzjoni interġenerazzjonali - u jiżgura li d-demokrazija u ċittadinanza jirriflettu l-varjetà ta' perspettivi u l-pluralità li tinsab fis-soċjetà.

⁹ Il-kunċett ta' "spazji ċiviċi għaż-żgħażaġh" użat f'dawn il-konklużjonijiet huwa bbażat fuq id-definizzjoni tal-OECD ta' spazji ċiviċi għal atturi mhux governattivi.

¹⁰ *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, Verżjonijiet konsolidati tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, (2016/C 202/01).

11. L-involvement taż-żgħażaġh fi spazji ċiviċi kien katalist importanti għal diversi innovazzjonijiet soċjali¹¹, li juri li dawn l-ispace jikkontribwixxu għal proċessi tat-teħid ta' deċizzjonijiet aktar demokratiċi u infurmati aħjar, u b'hekk tissaħħaħ il-kwalità tad-demokrazija. Min-naħa l-oħra, iż-żgħażaġh huma partikolarment vulnerabbli għad-diskriminazzjoni u għar-restrizzjoni ta' spazji ċiviċi¹².
12. L-ispaceju ċiviku li qed jonqos għaż-żgħażaġh u l-ksur irrapportat tad-drittijiet fundamentali u demokratiċi huma fenomeni globali li jistgħu jkunu ta' theddida għad-demokraziji madwar l-Ewropa, irrispettivament mill-iżvilupp ekonomiku jew il-post ġeografiku. L-istudji juru li l-opportunitajiet għal organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għaż-żgħażaġh biex jipparteċipaw fil-proċessi ta' politika ġew irrappurtati wkoll bħala limitati¹³.
13. L-organizzazzjonijiet attivi fil-qasam taż-żgħażaġh u l-gruppi mhux formali ta' żgħażaġh għandhom ikunu involuti fl-iżvilupp ta' proġetti ewlenin fis-suġġetti kollha koperti mill-11-il Għan Ewropew dwar iż-Żgħażaġħ, fost oħrajn. Barra minn hekk, dawn l-organizzazzjonijiet huma essenzjali biex jipprovdu servizzi u appoġġ liż-żgħażaġh, ħafna drabi komplementari għas-servizzi pprovduti mill-awtoritajiet pubbliċi.
14. B'riżultat tal-pandemija tal-COVID-19, l-ispaceji ċiviċi għaż-żgħażaġh f'ħafna pajjiżi qed jonqsu saħansitra aktar, bl-ekwivalenti online tagħhom ħafna drabi jintużaw bħala l-unika alternattiva vijabbli. Xi wħud mit-tagħlimiet meħuda huma pożittivi, pereżempju, fejn instabu funzjonalitajiet ġodda fi spazji diġitali, madankollu, il-migrazzjoni għal spazji ċiviċi online kixfet kwistjonijiet relatati mal-aċċess (l-infrastruttura), il-kapaċità (il-kompetenzi) u s-sikurezza online taż-żgħażaġh.

¹¹ Safeguarding Civic Space for Young People in Europe (Is-Salvagwardja ta' Spaceju Ċiviku għaž-Żgħażaġh fl-Ewropa), Forum Ewropew taż-Żgħażaġh (p. 8)

¹² Sħubija għaż-Żgħażaġħ: Tomaž Deželan and Laden Yurttagüler, Pool of European Youth Researchers, Shrinking democratic space for youth, 2021 (Tomaž Deželan u Laden Yurttagüler, Grupp ta' Riċerkaturi Żgħażaġħ Ewropej, Spaceju demokratiku li qed jonqos għaż-żgħażaġh, 2021).

¹³ Sħubija għaż-Żgħażaġħ: Tomaž Deželan and Laden Yurttagüler, Pool of European Youth Researchers, Shrinking democratic space for youth, 2021. (Tomaž Deželan u Laden Yurttagüler, Grupp ta' Riċerkaturi Żgħażaġħ Ewropej, Spaceju demokratiku li qed jonqos għaż-żgħażaġh, 2021).

15. Approċċ wieħed tajjeb għal kulħadd mhux adatt għall-bini ta' ambjent abilitanti għall-appoġġ ta' organizzazzjonijiet attivi fil-qasam taż-żgħażaġh u ma' gruppi mhux formali ta' żgħażaġh. It-tfassil universali, ambjenti kulturali u ġeografiċi differenti, inugwaljanzi strutturali, l-inugwaljanza bejn il-ġeneri u fatturi li jintervjenu oħra kollha jeħtieġ li jitqiesu, fejn dawn qed jipprevjenu liż-żgħażaġh u lil organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għaż-żgħażaġh milli joperaw b'mod liberu u jipparteċipaw b'mod sinifikanti.
16. L-esponiment żejjed għall-iskrins u għall-attivitajiet online għandu impatt negattiv fuq is-saħħa mentali, fiżika u soċjali taż-żgħażaġh¹⁴. Madankollu, l-ispazji ċiviċi online pprovdew rifuġju importanti lil ħafna żgħażaġh fejn jistgħu jieħdu vantaġġ mid-drittijiet ċiviċi tagħhom, partikolarment matul il-pandemija tal-COVID-19. Madankollu, filwaqt li kwistjonijiet relatati mas-saħħa huma aspekk wieħed li għandu jitqies, is-sikurezza online u d-distakk diġitali (inkluż l-infrastruttura u l-ostakli konjittivi) jeħtieġ li jiġu indirizzati wkoll. B'hekk, is-sejbien ta' bilanċ ġust bejn l-involvement online u dak offline għandu jkun prijorità għall-partijiet ikkonċernati kollha fir-rigward tal-appoġġ għal spazji ċiviċi għaż-żgħażaġh.

JISTIEDNU LILL-ISTATI MEMBRI, F'KONFORMITÀ MAL-PRINĊIPJU TAS-SUSSIDJARJETÀ U FIL-LIVELLI XIERQA, BIEX

17. Jissalvagwardjaw u jespandu l-ispazji ċiviċi għaż-żgħażaġh kollha, speċjalment dawk l-aktar affettwati mill-pandemija tal-COVID-19 u jistabbilixxu miżuri addizzjonali biex jiżguraw li ż-żgħażaġh minn ambjenti żvantaġġati u b'inqas opportunitajiet, b'mod partikolari dawk minn żoni remoti u rurali u dawk b'diżabbiltà, ikunu jistgħu jaċċessaw u jipparteċipaw f'dawn l-ispazji. Il-viżibbiltà u l-aċċessibbiltà ta' dawn l-ispazji għaż-żgħażaġh għandhom jitrawmu wkoll.

¹⁴ UNICEF statement, Growing concern for well-being of children and young people amid soaring screen time (Dikjarazzjoni tal-UNICEF, It-tħassib dejjem jikber għall-benesseri tat-tfal u ż-żgħażaġh minħabba ħin dejjem jiżdied fuq l-iskrin), 8 ta' Frar 2021.

18. Jindirizzaw it-tħassib b'rabta ma' proċessi u strumenti li jikkawżaw nuqqas ta' spazji pubbliċi bla ħlas u aċċessibbli, jew jimponu ostakli sostanzjali fir-rigward taż-żgħażaġh li jippruvaw jaċċessaw u jipparteċipaw fi spazji ċiviċi, jiġifieri għodod kummerċjali li jużaw algoritmi li jwasslu għall-kummerċjalizzazzjoni personalizzata, il-ġentrifikazzjoni, il-migrazzjoni rurali u ż-żieda tal-kummerċjalizzazzjoni ta' spazji fiżiċi u online¹⁵.
19. Jindirizzaw it-tħassib b'rabta mal-privatezza taż-żgħażaġh li jeżerċitaw id-drittijiet u l-libertajiet ċiviċi tagħhom, sabiex jiżguraw is-sikurezza personali tagħhom u jiżguraw ir-rispett għad-drittijiet tal-individwu, li għandu jiġi promoss b'lingwaġġ aċċessibbli, u jagħtu l-kontroll fuq id-data tagħhom, fuq kollox permezz ta' pproċessar sikur u legali tad-data kollha li tappartjeni lilhom jew li tkun dwarhom kif definit fir-Regolament Ġenerali tal-UE dwar il-Protezzjoni tad-Data.
20. Iqisu l-ostakli għall-parteeċipazzjoni online li jiffaċċaw iż-żgħażaġh (fost l-oħrajn, l-aċċess għall-internet, il-kompetenzi diġitali, in-nuqqas ta' infrastrutturi u tagħmir) u jistinkaw biex jiżguraw is-sikurezza ta' spazji ċiviċi diġitali għaż-żgħażaġh billi jrawmu r-reżiljenza diġitali b'mod partikolari billi jsaħħu l-litteriżmu diġitali u medjatiku, u s-sensibilizzazzjoni taż-żgħażaġh, inkluż permezz ta' miżuri ta' sikurezza biex jipproteġu liż-żgħażaġh mill-miżinformazzjoni, id-diżinformazzjoni, il-propaganda, il-polarizzazzjoni soċjetali, id-diskors ta' mibegħda, il-bullying ċibernetiku, il-grooming ċibernetiku, eċċ.

¹⁵ Smith, Neil (1996) The new urban frontier: Gentrification and the revanchist city. London, Routledge. Day, Kristen (1999) Introducing gender to the critique of privatized public space. Journal of Urban Design, Vol.4, No. 2. Kohn, M., (2004) Brave new neighborhoods: The privatization of public space. New York, Routledge.

21. Jirrikonoxxu l-fornituri edukattivi fl-oqsma kollha tat-tagħlim (formali, mhux formali u informali) bħala atturi ewlenin għall-promozzjoni ta' diversi forom ta' edukazzjoni dwar iċ-ċittadinanza li jiffokaw fuq il-kompetenzi għaċ-ċittadinanza attiva meħtieġa, li min-naħa tagħha, tikkontribwixxi għal soċjetà aktar demokratika.
22. Jippromwovu proċessi ċiviċi u politiċi u l-kooperazzjoni attiva bejn organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ dwar proġetti komuni, fost l-oħrajn, sabiex itejbu l-kundizzjonijiet għall-ispazji ċiviċi eżistenti jew joħolqu spazji ċiviċi ġodda, biex b'hekk jagħtu wkoll kontribut Prattiku għall-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u l-Għanijiet Ewropej taż-Żgħażaġħ.
23. Jimpenjaw ruħhom għal u jappoġġaw, fejn applikabbli, interazzjonijiet jew kanali ta' komunikazzjoni koġestiti u mfassla b'mod konġunt bejn l-awtoritajiet pubbliċi u ż-żgħażaġh permezz ta' spazji ċiviċi, inkluż daww appoġġati u sostnuti minn organizzazzjonijiet attivi fil-qasam taż-żgħażaġh u gruppi mhux formali ta' żgħażaġh, sabiex jiffaċilitaw ir-rappreżentazzjoni sinifikanti u varja tal-ilħna taż-żgħażaġh u jsir impatt tanġibbli fuq l-iżvilupp, l-implimentazzjoni u s-segwitu ta' politiki li huma rilevanti għaż-żgħażaġh.

JISTIEDNU LILL-ISTATI MEMBRI U LILL-KUMMISSJONI EWROPEA, FL-OQSMA TA' KOMPETENZA RISPETTIVI TAGĦHOM U FIL-LIVELLI XIERQA, B'RISPETT DOVUT GĦALL-PRINĊIPJU TAS-SUSSIDJARJETA', BIEX

24. Jistinkaw biex jissalvagwardjaw u jespandu varjeta' ta' spazji ċiviċi għaż-żgħażaġh fil-livelli kollha permezz ta' finanzjament strutturali sostenibbli u, fejn adatt, iqisu finanzjament ibbażat fuq il-proġetti għal organizzazzjonijiet attivi fil-qasam taż-żgħażaġh u gruppi mhux formali ta' żgħażaġh. Iqajmu kuxjenza fost iż-żgħażaġh dwar il-libertajiet ċiviċi u politiċi tagħhom u l-opportunitajiet li jgawduhom permezz tal-involviment tagħhom fi spazji ċiviċi.
25. Jappoġġaw organizzazzjonijiet attivi fil-qasam taż-żgħażaġh u gruppi mhux formali ta' żgħażaġh fil-ġlieda kontra d-diskors ta' mibegħda u theddid ieħor għall-attivitajiet tagħhom, speċjalment fir-rigward tal-eżerċizzju tal-libertà ta' espressjoni, ta' assoċjazzjoni u ta' għaqda tagħhom.
26. Jimmonitorjaw, jivvalutaw u jappoġġaw kontinwament l-ambjent abilitanti għall-ispazji ċiviċi għaż-żgħażaġh, filwaqt li jidentifikaw u jindirizzaw it-theddid għal dawn l-ispazji.
27. Jipprovdu aċċess faċli għall-informazzjoni f'formati aċċessibbli u, fejn adatt, f'lingwa adatta għaż-żgħażaġh u f'konformità mal-"Karta Ewropea ta' Informazzjoni għaż-Żgħażaġħ"¹⁶, sabiex irawmu t-trasparenza u jżidu l-fiduċja taż-żgħażaġh fl-istituzzjonijiet politiċi filwaqt li jistabbilixxu wkoll miżuri adegwati b'mod partikolari billi jippromwovu l-litteriżmu medjatiku biex jindirizzaw il-miżinformazzjoni, id-diżinformazzjoni, il-propaganda, il-polarizzazzjoni soċjetali, id-diskors ta' mibegħda, it-teoriji ta' konfoffa, il-bullying ċibernetiku, il-grooming ċibernetiku, eċċ.

¹⁶ Il-Karta Ewropea ta' Informazzjoni għaż-Żgħażaġħ hija sett ta' prinċipji u linji gwida professjonali għall-ħidma ta' informazzjoni u konsulenza għaż-żgħażaġh.

28. Iżidu s-sensibilizzazzjoni istituzzjonali għaż-żgħażaġħ (direttament jew permezz ta' organizzazzjonijiet attivi fil-qasam taż-żgħażaġħ u gruppi mhux formali ta' żgħażaġħ) bl-użu ta' għodod effettivi ta' involviment offline u online. Barra minn hekk, jużaw mekkaniżmi mfassla b'mod konġunt maż-żgħażaġħ infushom, rikonoxxuti minn daww li jieħdu d-deċiżjonijiet u appoġġati minn riċerka indipendenti sabiex jiffaċilitaw il-parteciġpazzjoni taż-żgħażaġħ fi spazji ċiviċi u fil-politika.
29. Jeżaminaw, fejn rilevanti, l-effetti li l-għodod kummerċjali li jużaw l-algoritmi biex iwasslu l-kummerċjalizzazzjoni personalizzata għandhom fuq l-ispażji ċiviċi għaż-żgħażaġħ u jidħlu fi djalogu mal-fornituri ta' dawn l-għodod biex jindirizzaw l-effetti li dawn jista' jkollhom fuq l-ispażji ċiviċi. Iqisu l-adozzjoni ta' miżuri meħtieġa, adatti u proporzjonati biex jindirizzaw kwalunkwe effett negattiv tal-għodod kummerċjali li ma jistgħux jittaffew permezz tad-djalogu.
30. Jappoġġaw ir-riċerka u jimmonitorjaw l-istat tal-ispażji ċiviċi għaż-żgħażaġħ madwar l-Unjoni Ewropea, u fil-livell nazzjonali, reġjonali u dak lokali, inkluż l-isfidi u t-tħeddid li qed jiffaċċaw u jevalwaw il-parteciġpazzjoni taż-żgħażaġħ fi spazji ċiviċi.
31. Iqisu li jagħtu attenzjoni speċifika lill-ispażji ċiviċi għaż-żgħażaġħ u l-libertajiet bażiċi taż-żgħażaġħ fis-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ 2022.

JISTIEDNU LILL-KUMMISSJONI EWROPEA BIEX

32. Tappoġġa spazji ċiviċi mhux kummerċjalizzati, miftuħa, inklużivi u sikuri għaż-żgħażaġħ, permezz ta' programmi Ewropej differenti, inkluż il-programmi ewlenin fil-qasam taż-żgħażaġħ bħall-Erasmus + u l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, u fis-setturi kollha.
33. Tinvolti aktar liż-żgħażaġħ u l-organizzazzjonijiet attivi fil-qasam taż-żgħażaġħ u l-gruppi mhux formali ta' żgħażaġħ fl-ippjanar, l-implimentazzjoni u s-segwitu ta' inizzjattivi Ewropej li għandhom impatt fuq haġġithom bħall-Bauhaus Ewropea l-Ġdida, il-Patt Klimatiku tal-UE u l-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, filwaqt li tqis ir-rwol ta' dawn l-inizzjattivi fl-għoti ta' spazji ċiviċi għaż-żgħażaġħ.

Referenzi

Fl-adozzjoni ta' dawn il-konklużjonijiet, il-Kunsill u r-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill jieħdu nota tad-dokumenti li ġejjin:

- Ċentru Kongunt tar-Riċerka: Scientific and Technical Reports, Measuring Civic Competence in Europe, A composite indicator based on IEA Civic Education Study 1999 for 14 years old in School, 2008.
- Moxon, D. and Bárta, O. (2018), Structured Dialogue Cycle VI Thematic Report: Young People and the EU, European Steering Committee of the 6th Cycle of Structured Dialogue, 2018.
- Kummissjoni Ewropea: Ewrobarometru, serje dwar il-Futur tal-Ewropa, Marzu 2021.
- Parlament Ewropew: Studju mitlub mill-Komitat CULT, l-Edukazzjoni u ż-Żgħażaġħ fl-Ewropa ta' wara l-COVID-19 – effetti tal-kriżi u rakkomandazzjonijiet ta' politika, PE 690.872, Mejju 2021.
- Sħubija għaż-Żgħażaġħ: Tomaž Deželan and Laden Yurttagüler, Pool of European Youth Researchers, Shrinking democratic space for youth, 2021. (Tomaž Deželan u Laden Yurttagüler, Grupp ta' Riċerkaturi Żgħażaġħ Ewropej, Spazju demokratiku li qed jonqos għaż-żgħażaġh, 2021).
- Kunsill tal-Ewropa, Assemblea Parlamentari, Riżoluzzjoni 2096 (2016) Kif jistgħu jiġu evitati restrizzjonijiet mhux adatti fuq attivitajiet tal-NGOs fl-Ewropa?
- Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data).

- Assembleia Ġenerali tal-Aġenzija Ewropea għall-Infommazzjoni u l-Konsulenza taż-Żgħażaġħ (ERYICA), Karta Ewropea ta' Infommazzjoni għaż-Żgħażaġħ, adottata f'Cascais (il-Portugall) fis-27 ta' April 2018.
 - Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Kumitat tar-Reġjuni, il-Patt Klimatiku Ewropew, COM/2020/ 788 final.
 - L-Unjoni Ewropea, Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, paġna web [Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa Kummissjoni Ewropea \(europa.eu\)](https://ec.europa.eu/eu2020/en/conference)
-